# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 21**

**Avviz numru 598/01/SM**

**Environmental Management Design & Planning Limited.**

**vs**

**Mario Hallett.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma kapitali ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin liri u sebghin centezmi (LM327.70,0) dovuti lis-socjeta' attrici u rapprezentanti l-prezz ta' servizzi moghtija fuq inkarigu tieghu, u dan skond ma kif jidher minn kopja ta' fattura annessa u immarkata bhala dokument bl-ittra "A";**

**Bl-ispejjez ta' l-prezenti, ta' l-ittra nterpellatorja ta' d-19 ta' Settembru 2000 u ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru 2000 (kopji annessi u mmarkati bhala dokumenti bl-ittra "B" u "C"**

**rispettivament), flimkien ma' l-imghax dekorribbli mit-22 ta' Settembru 1999 sa d-data ta' l-pagament effettiv, ilkoll kontrih, u bl-ingunzjoni in subizzjoni tieghu;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-12 ta' Dicembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**